**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 7 ta' Ottubru, 2015**

Talba Nru: 330/2015JB

Numru 15

**Michelle Spagnol**

**(K.I.: 517882M)**

**vs**

**Mark Vella**

**(K.I.: 294280M)**

It-Tribunal,

Ra t-talba prezentata nhar id-29 ta' April 2015 li jaqra hekk :-

Li il-konvenut jigi ordnat ihallas lill-attrici s-somma komplessiva ta' €2,826.02 rappresentanti:

(i) €1,070.00 prezz ta' karma tas-sodda, li a tenur tal-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-kontendenti in atti Nutar Dorianne Arapa datat 18 ta' Dicembru 2013, kellha tithallas mill-konvenut, u
(ii) €438.02 sehem il-konvenut ta' l-ispejjez edukattivi ghall-ulied il-kontendenti, a tenur tal-klawsola 2(a)(ii) ta' l-istess kuntratt, u
(iii) €1,318.00 spejjez ghall-minuri Michela, a tenur tal-klawsola 2(b)(i) tal-imsemmi kuntratt,

li il-konvenut naqas li jhallas minkejja diversi interpellanzi mighajr ebda raguni valida fil-ligi.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li hu minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Illi fl-istess avviz tat-Talba gie indikat li l-ammont globali tat-talba hu elfejn, tmien mija u sitta u ghoxrin euro u zewg centezmi (€2,826.02);

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tad-19 ta' Mejju 2015;

Ra l-atti minn fejn jirrizulta li l-Konvenut gie debitament notifikat bl-avvizi tat-talba u tas-smiegh relattivi;

Ra li ghad li gie debitament notifikat bl-atti, il-Konvenut naqas milli jipprezenta risposta fil-waqt li t-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan iddekorra inutilment fil-waqt li ghas-seduti tad-19 ta' Mejju 2015, tas-16 ta' Gunju 2015, u tat-13 ta' Lulju 2015 deheru d-difensuri tal-partijiet li talbu differiment ghal probabli cessjoni;

Ra l-verbal tas-seduta tal-24 ta' Settembru 2015 fejn inghata provvediment fit-termini tal-Art. 13(a) tal-Kap. 380 u l-kawza thalliet ghas-seduta tat-30 ta' Settembru 2015;

Ra l-verbal tas-seduta tat-30 ta' Settembru 2015 fejn xehdet l-Attrici, ipprezentat dokumenti u l-kawza thalliet ghal-lum ghall-provi tal-Konvenut, kontro-ezmijiet u trattazzjoni;

Ra li ghas-seduta tal-lum dehret biss il-Konvenuta u l-avukat taghha u li l-Konvenut ma ressaq l-ebda provi u lanqas ma resaq ghat-trattazzjoni;

Sema' x-xhieda ta' Michelle Spagnol li kkonfermat il-pretensjoni taghha izda spjegat li l-ewwel partita u cjoe dik ta' €1,070, fil-verita ghandha tkun ta' elf euro (€1,000) skond il-kuntratt ta' separazzjoni li hemm bejn il-partijiet. Hija spjegat ukoll minn fejn jirrizultaw il-pretensjonijiet taghha u pprezentat kontijiet sabiex tissostanzja dak li talbet;

Ikkunsidra;

Illi l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) jipprovdi espressament fl-Art. 9(2)(a) li gudikatur "*għandu jiżgura li każ għandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata' sommarjament fl-istess jum tas-smigħ tiegħu u li dak is-smigħ ma jtulx iktar minn seduta waħda*". Tali dispozizzjoni naturalment mghandhiex tigi implimentata b'mod li taghti lok ghal ksur tad-dettami tal-gustizzja naturali;

Illi inoltre, l-Art. 13 tal-Kap. 380 jipprovdi espressament:

> Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita għas-smigħ tal-kawża, id-disposizzjonijet li ġejjin għandhom jgħoddu:
>
> (b) jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-ġudikatur jista' jiddeċiedi l-kawża fin-nuqqas tal-konvenut u tista' ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u disposizzjonijet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri għandhom jgħoddu *mutatis mutandis*.

Illi hu car li fil-kawza odjerna, il-Konvenut wera kontumelja assoluta meta ghad li kien notifikat bl-avvizi tat-talba u tas-smiegh naqas milli jipprezenta risposta kif ukoll naqas milli jidher ghas-seduta tal-lum. Mill-banda 'l ohra, l-Attrici, li xehdet bil-gurament, irnexxielha tipprova t-talba kif dedotta u dan it-Tribunal ma jarax ghalfejn mghandux joqghod fuq il-

provi li ghandu quddiemu. Fuq kollox, it-Tribunal iqis in-natura tal-proceduri quddiemu u l-ispeditezza li trid il-ligi;

Ikkunsidra;

Illi t-Talba attrici hija naxxenti minn kuntratt ta' separazzjoni personali liema kuntratt jipprovdi ghal hlasijiet li ghandhom jigu vversati mill-konvenut lill-attrici fir-rigward ta' binthom minuri. Skond l-istess kuntratt, il-Konvenut kellu wkoll ihallas is-somma ta' €1,000 sabiex tigi akkwistata kamra tas-sodda ghall-minuri. Jirrizulta li minkejja tali ftehim, il-Konvenut naqas milli jhallas. Mhemmx dubju li tali pretensjoni naxxenti minn kuntratt ta' firda personali taqa' fl-isfera ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal (Ara f'dan is-sens is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2015 fl-ismijiet "Vanessa Bartolo *vs* Kenneth Aquilina" fejn giet riportata gurisprudenza *in materia*);

Ikkunsidra;

Illi fejn jirrigwarda l-imghaxijiet pretizi, it-Tribunal jinnota li l-Kodici Civili jipprovdi espressament fl-Art. 1141(2) li fejn imiss ma' obbligazzjonijiet li ma jkunux ta' xorta kummercjali, "*l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b' att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni*". L-ewwel att gudizzjarju dwar din il-millantazzjoni ghandu jitqies li gie notifikat nhar it-12 ta' Mejju 2015;

Ghalhekk, gjaladarba t-Tribunal iqis li l-ammont pretiz gie sufficjentement ippruvat, se jghaddi sabiex jikkundanna lill-Konvenut anke biex ihallas l-ispejjez u l-imghaxijiet b'effett mit-12 ta' Mejju 2015;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-Talba attrici limitatament ghas-somma ta' elfejn, seba' mija u sitta u hamsin euro u zewg centezmi (€2,756.02) u konsegwentement jikkundanna lill-Konvenut ihallas lill-Attrici s-somma ta' €2,756.02 bl-imghax legali skond il-ligi b'effett mit-12 ta' Mejju 2015. L-ispejjez tal-proceduri jkunu a karigu tal-Konvenut.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Alan K. Zerafa
*Deputat Reġistratur*